MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1076/2002/1

**Edmund Cilia**

**Vs**

**Gordon Falzon**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltija, hlas ta’ danni sofferti f’incident tat-traffiku li sehh f’Bahar ic-Caghaq fit-2 ta’ Frar 2002 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru LCE 996 habat mal-vettura numru LAE 793, propjeta ta’ l-attur u misjuqa minnu.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Fit-2 ta’ Frar 2002 sehh incident tat-traffiku bejn il-vettura bin-numru LAE 793 (Toyota) propjeta u misjuqa mill-attur, u l-vettura LCE 996 (Kia) misjuqa mill-konvenut. L-incident sehh f’Bahar ic-Caghaq u s-sewwieqa taw zewg verzjonijiet kontrastanti ta’ kif sehh l-incident:

-  **L-attur** – il-vettura Kia misjuqa mill-konvenut baqghet diehla minn fuq wara fil-vettura Toyota misjuqa mill-attur;

-  **Il-konvenut** – Il-vettura Toyota skiddjat, laqghtet il-vettura Kia u mxiet il-quddiem u spiccat fuq ic-cint li hemm fil-gemb tat-triq.

2. Wara li t-Tribunal qies il-provi li tressqu, m’ghandu l-ebda dubju li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-konvenut (seduta tas-7 ta’ Novembru 2002) mhi kredibbli xejn. Il-konvenut xehed li:

-  Qabel ma sehh l-incident, iz-zewg vetturi kienu mexjin bil-mod fit-triq. Il-konvenut ighid li kien qieghed isuq bi speed bejn 30/35 kilometru fis-siegha;

-  Il-vettura misjuqa mill-attur skiddjat u kienet hi li tat id-daqqa lill-vettura misjuqa mill-konvenut li dak il-hin kienet warajha;

-  Hekk kif sehh l-impatt bejn iz-zewg vetturi [li skond ma jghid il-konvenut kienu ghaddejjin bi speed baxx], b’mod inspjegabbli l-vettura misjuqa mill-attur *“taret il-quddiem”* u spiccat telghet fuq ic-cint baxx li hemm mal-gemb tat-triq.

Il-verzjoni tal-konvenut hija kontradetta mill-pulizija PS321 Alan La Grasta li nzerta ghaddej minn fuq il-post wara li sehh l-incident u li xehed fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2002. Dan ix-xhud ikkonferma li l-konvenut kien ammetta mieghu li l-vettura misjuqa minnu baqghet diehla fil-vettura ta' l-attur. Ix-xhieda ta' PS321 Alan La Grasta hija konsistenti u ma tressqet l-ebda raguni ghalfejn m'ghandhiex titwemmen.

3. Fic-cirkostanzi, it-Tribunal m'huwiex tal-fehma li ghandu ghalfejn joqghod jinterpreta l-fatti dwar dak li gara granet wara li sehh l-incident, igifieri:

(a) meta l-konvenut mar jimla l-formola *Front to Rear* id-dar fejn ighix l-attur; u

(b) kif originarjament is-surveyor [tal-kumpannija ta' assigurazzjoni tal-konvenut] li ra l-vettura ta' l-attur kien awtorizza li tibda ssir it-tiswija, u mbaghad irtira dik l-awtorizazzjoni.

4. B'riferenza ghad-danni reklamati, ma saret l-ebda kontestazzjoni u dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf tlett mija u hamsa u erbghin lira Maltija u dsatax-il centezmu (Lm1,345.19), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**